**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI LL.D.**

**Illum l-Erbgħa 24 ta' Jannar 2024**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 21/2022**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Darren Mizzi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 21 tal-2022 kontra Darren Mizzi, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 325792(M) akkużat:

i. **Fl-Ewwel Kap** talli nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu

ii**. Fit-Tieni Kap** talli nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu ir-Raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-Raża, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar ilMediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

iii. **Fit-Tielet Kap** talli nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-gżejjer Maltin, naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità mogħtija lilu mill-uffiċjali pubbliċi, senjatament PS 1086, PS 579, PC 1494, PC 1564, PC 7 760, u PC 101, waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lill-imsemmija uffiċjala waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

iv. **Fir-Raba' Kap** talli, nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-gżejjer Maltin, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni 'DRN 792' b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż**.**

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Darren Mizzi ppreżentata fit-12 ta' Ottubru 2021[1].

**3**. Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata mill-Avukat Ġenerali fid-19 ta' Diċembru 2022 b'risposta għan-nota ta'l-eċċezzjonijiet ippreżentata mill-akkużat.

**4**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-20 ta' Ġunju 2023 li permezz tagħha l-eċċezzjonijiet preliminari kollha imqanqla mill-akkużat ġew miċħuda.

[1] Ara fols. 13 sa 24 tal-atti proċesswali.

**6.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-akkużat Darren Mizzi fis-27 ta' Ġunju 2023 fejn talab lil din il-Qorti testwalment : "sabiex tvarja s-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta u tikkunsidra il-punti hawn fuq premessi," bl-appellant flimkien mar-rikors tal-appell iressaq "Lista tad' Dokumenti" u "Lista tax-Xhieda".

**7.** Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ippreżentata fis-16 ta' Ottubru 2023.

**8**. Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2023 fejn it-talba kontenuta fir-rikors tal-appell ġiet korretta, fuq talba tad-difiża, u dan billi il-kelma "tvarja" fit-talba kienet sostitwita bil-kelma "tirrevoka" fejn id-difiża ippreċiżat illi mill-frażi "mis-sentenza" 'il quddiem hi fis-sens illi jintlaqgħu l-eċċezzjonijiet preliminari ta' Darren Mizzi.

**9**. Rat illi fl-imsemmija seduta tat-22 ta' Novembru 2023, il-Qorti ordnat l-isfilz tal-"Lista tax-Xhieda" u il-"Lista tad-Dokument" annessi mar-rikors ta'l-appell.

**10**. Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**11.** Semgħet trattazzjoni

**Ikkunsidrat:**

**12**. Illi aggravat bis-sentenza appellata li ċaħħdet l-eċċezzjonijiet preliminari kollha sollevati minnu, l-appellant jilmenta illi l-Qorti Kriminali malament għaddiet biex ċaħħdet dawn l-eċċezzjonijiet, li kienu multepliċi, fejn allura jinsisti li l-ilmenti tiegħu diretti kemm lejn l-Att ta'l-Akkuża kif ukoll lejn l-ammissibbilita' tal-provi ikkumpilati kellhom jkunu milqugħa. Il-Qorti ser titratta dawn l-ilmenti fl-ordni li ingħataw fir-rikors ta'l-appell.

**<u>L-Ewwel Aggravju – L-Att tal-Akkuża għandha tiġi riformata billi hija nieqsa minn fatti importanti fil-parti narrattiva li huma essenzjali u neċessarji ai finijiet ta' ġustizzja</u>**

**13.** Illi jibda biex jingħad illi l-appellant, issa fi stadju ta' reviżjoni ibiddel il-binarji li fuqhom huwa jressaq l-ilment tiegħu u dan għaliex, għalkemm fl-eċċezzjoni minnu ventilata huwa jeċċepixxi in-nullita ta'l-Att ta'l-Akkuża minħabba dak li jidhirlu huwa nuqqas fil-mod kif l-imsemmi Att ġie redatt mill-Avukat Ġenerali, issa fi stadju ta' reviżjoni donnu qiegħed jitlob biss ir-riforma ta'l-istess għalkemm ma jindikax b'liema mod dan għandu jsir. Ukoll minkejja li l-appellant jippreżenta dan l-aggravju b'dan it-titolu madanakollu minn qari ta'l-istess huwa evidenti illi din is-subintestatura mhix riflessa imbagħad fil-korp tal-istess aggravju. Dan għaliex l-appellant fl-ebda parti tal-aggravju ma jindika liema huma dawk il-fatti 'importanti' li, fil-fehma tiegħu, kellhom jkunu ndikati fil-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża u li allura jidhirlu li huma essenzjali u neċessarji sabiex issir ġustizzja miegħu.

**14.** Jilmenta l-appellant illi d-deskrizzjoni mogħtija fil-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża u l-mod kif l-Avukat Ġenerali fassal l-akkużi fil-konfront tiegħu jistgħu jkunu ta' preġudizzju għalih. Iżda, kif ġustament affermat fis-sentenza appellata, l-akkużat, issa appellant, kemm quddiem il-Qorti Kriminali u kif ukoll quddiem din il-Qorti, jonqos milli jorbot dan l-aggravju ma' xi Kap partikolari tal-Att tal-Akkuża, jonqos milli jindika b'mod speċifiku liema deskrizzjoni fil-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża tista' tkun ta' preġudizzju għalih u ma jispeċifikax b'mod konkret x'inhu attwalment l-preġudizzju li qed jilmenta minnu u kif dawn il-fatti jistgħu joħolqu preġudizzju għalih.

**15.** Iddeċidiet hekk il-Qorti Kriminali din l-eċċezzjoni:

> **15. Il-Qorti tifhem li din l-eċċezzjoni preliminari hija msejsa fuq il-formalitajiet preskritti fl-Artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, li tirrikjedi li l-Att tal-Akkuża jkun fih ad validitatem, fost oħrajn:**
>
> **il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persunali kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena.**

> **16. In-narrativa esposta mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża hija biss preżentazzjoni ta' verżjoni ta' fatti hekk kif jirriżultaw lill-Avukat Ġenerali mill-provi li jkunu ġew miġbura fl-istadju istruttorju u għandhom jirriflettu t-teżi li tkun qiegħda tipprospetta l-Avukat Ġenerali fl-akkuża. Dawn il-fatti bl-ebda mod ma jikkostitwixxu prova ta' dak li l-Avukat Ġenerali tallega fl-Att ta' Akkuża. Imbagħad ikun jispetta lill-ġurati sabiex, taħt id-direzzjoni tal-Imħallef togat, jiġġudikaw lill-akkużat abbażi tal-provi li jkunu nġiebu u nstemgħu quddiemhom. L-Att ta' Akkuża ma jitqiesx parti minn dawk il-provi.**
>
> **17. L-iskop tal-Att ta' Akkuża u r-rekwiżit fl-artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali mhux daqstant illi jorbot lill-ġurati bil-kontenut tiegħu iżda li jservi biss sabiex l-akkużat permezz tal-fatti hemm elaborati jkun jista' jkollu stampa ċara tal-mod kif l-Avukat Ġenerali tkun qegħda tifhem u tinterpreta dawk il-provi li jkunu nġabru fl-istruttorja biex huwa jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.**

**16.** L-appellant, iżda, ma jaqbilx ma' din id-deċiżjoni u jisħaq li l-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża m'għandha tinkludi xejn illi mill-bidu jqanqal sens ta' ħtija tal-akkużat f'moħħ il-ġurati, sabiex b'hekk jinħoloq ir-riskju li l-ġurati jkunu sa mill-bidu nett taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri influwenzati u preġudikati kontra tiegħu fid-dawl tal-fatt illi kif dejjem iseħħ, l-Att tal-Akkuża jkun mgħoddi lill-ġurati qabel ma jibda' l-istadju tas-smigħ tal-provi, u li għalhekk jeżisti riskju serju li l-ġurati ma jagħmlux distinzjoni bejn fatt ippruvat u fatt allegat.

**17**. Illi l-Att tal-Akkuża huwa dak id-dokument li jkun jikkontjeni fatti narrati, li jorbtu mal-akkuża li ssewgi, li l-Avukat Ġenerali jislet mill-provi ikkumpilati waqt il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti Istruttorja u ma jkunux fatti li l-Avukat Ġenerali jkun ħoloq sabiex jitfa' xi dell ikrah jew ta'ħtija fuq l-akkużat. Dan l-Att iservi sabiex l-akkużat permezz tal-fatti elaborati fil-parti narrattiva jkollu stampa ċara tal-provi li għandha f'idejha il-Prosekuzjoni u li fuqhom qiegħda tibni il-każ tagħha, biex b'hekk b'rispett lejn il-prinċipju tal-parita' tal-armi, l-persuna akkużata tkun tista' tipprepara għad-difiża tagħha, kif rilevat mill-Qorti Kirminali fis-sentenza tagħha. Illi, ukoll, il-parti narrattiva ta'l-Att ta'l-Akkuża lanqas ma tista' tiddeskrivi fid-dettall il-provi kollha emerġenti mill-kumpilazzjoni u dan għaliex il-ġurati, kif dejjem ikunu imwissija mill-Imħallef li

jippresedi il-ġuri, għandhom jistrieħu fil-ġudizzju aħħari tagħhom fuq il-fatti li jemerġu mill-provi li jinstemgħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux fuq dawk il-fatti narrati mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża.

**18.** L-Att tal-Akkuża jinqara lil ġurati fil-bidu taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri sabiex jkun lilhom indikat il-fatti li fuqhom l-Avukat Ġenerali ikun qed jixli lil persuna akkużata bir-reati imbagħad ipprospettati fil-parti akkużatorja tal-imsemmi Att, iżda dan ma għandu ebda valur probatorju. Il-provi in sostenn tal-Kapi tal-Att tal-Akkuża huma dawk li tressaq il-Prosekuzzjoni waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Infatti l-ġurati, bħala mħallfin tal-fatt, isejsu l-verdett tagħhom biss fuq il-provi li jkunu ġew prodotti quddiemhom waqt il-ċelebrazzjoni tal-ġuri fejn l-Att tal-Akkuża ma jitqiesx bħala parti minn dawk il-provi. *Di piu'*, l-Avukat Ġenerali, ġeneralment waqt ir-Rekwiżitorja, jispjega lill-ġurati li l-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża ma torbotx u li ma tikkostitwixxi l-ebda prova fil-konfront tal-akkużat, u li l-verdett tagħhom irid ikun imsejjes biss fuq il-provi prodotti waqt iċ-ċelebrazzzjoni tal-ġuri. Kif ukoll l-Imħallef togat waqt l-indirizz tiegħu lill-ġurati jiggwidahom dwar kif għandhom jixtarru l-provi miġjuba quddiemhom waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**19.** Dan magħdud, madanakollu, l-ilment ta'l-appellant ma huwiex fis-sens illi l-Att ta'l-Akkuża fih xi fatti inveritjieri jew li ma jemerġux mill-atti kumpilatorji. Jilmenta biss illi l-qari ta' dawk il-fatti, misluta mill-Avukat Ġenerali mill-kumpilazzjoni, jistgħu jitfgħu dell ikrah fuqu mill-bidu tal-ġuri li jistgħu jinfluwenzaw negattivament lil ġurati. Jilmenta ukoll li hemm fatti li huma mportanti li ma kenux hemmhekk indikati. Issa jekk l-appellant jidhirlu li hemm xi fatti essenzjali u neċessarji - liema fatti fir-rikors t'appell ma jindikax liema huma - li jixtieq iġibhom a konjizzjoni tal-ġurati huwa jista' jagħmel dan waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri meta ser ikun assistit mid-difensur tiegħu fejn imbagħad ikollu kull opportunita' jindika dawk il-fatti u jressaq dawk il-provi li jsostnu d-difiża tiegħu.

**20.** Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Fabian Catania*** mogħtija minn din il-Qorti nhar il-21 ta' Ġunju 2023 ġie affermat għal darb'oħra illi:

**12. L-appellant fl-aggravju minnu ntentat jaqbel illi l-valur probatorju ta' dan l-att ġudizzjarju huwa għal kollox ineżistenti u allura l-Qorti qajla tista' tifhem l-oġġezzjoni imressqa minnu, aktar u aktar għaliex, kuntrarjament għal dak li jsostni fl-aggravju minnu ntentat, dak li jiggwida lil ġurati mhuwiex dak narrat fl-Att ta'l-Akkuza, iżda l-indirizz tal-Imħallef li mill-ftuħ tiegħu minnufih jipprovdi lil ġurati dawk il-linji gwida inizjali dwar il-mod kif għandhom jimxu meta jiġu biex jiġġudikaw dwar il-fatti tal-każ, fatti li, kif kemm il-darba jkun imfisser lilhom, iridu jemerġu biss u unikament mill-provi li ser jinstemgħu matul iċ-ċelebrazzjoni ta'l-istess. Illi allura bil-fatt illi l-Avukat Ġenerali seta' ma semmiex xi dettall li, fil-fehma tal-appellant, jista' jkun importanti ma jfissirx illi dan ser joħloq xi preġudizzju għalih, u dan meta ser ikun abbilment assistit mid-difensur tiegħu tul is-smigħ tal-ġuri fejn indubbjament ser jindika dawk il-fatti li jidhirlu jistgħu ixaqilbu il-miżien favur tiegħu, u li l-Avukat Ġenerali seta' ma indikahomx fl-Att ta'l-Akkuża, biex b'hekk id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq żgur li mhux ser jiġi kkalpestat.**

**21.** Illi din il-Qorti hija konkordi mal-fehma tal-Qorti Kriminali illi dak li jrid jiġi deċiż f'dan l-istadju huwa jekk il-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża tirrispekkjax id-dettami tal-artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe' jekk il-parti narrattiva hijiex msejsa fuq il-provi kif jemerġu mill-atti tal-kumpilazzjoni, u jekk il-parti narrattiva fis-sustanza tiddeskrivix ir-reati li bihom huwa mixli l-akkużat.

**22**. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Yorgen Fenech*** deċiża minn din il-Qorti, kif diversament komposta, nhar l-4 t'Ottubru 2023 ġie deċiż is-segwenti:

**"13. Dan l-artikolu jirreferi ghall-parti hekk imsejha narrattiva tal-att tal-akkuza fejn l-Avukat Generali jiddeskrivi dawk il-partikolaritajiet deskrittivi, ossia il-fatti, mhux kif jidhirlu, izda¸ kif jemergu mill-atti kumpilatorji. Naturalment il-parti narrattiva ma tistax, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni, tkun sommarju tal-fatti kollha hekk emergenti basta, pero' li tkun konformi tas-subinciz appena riprodott. Dan l-artikolu, izda, ma jistax fl-istess waqt jitqies li huwa indipendenti, jew kif jinghad bl-ilsien Ingliz, a stand alone, ghaliex jehtieg li jkun mhaddem flimkien ma' disposizzjonijiet ohra tal-ligi fosthom dik il-parti tal-Kodici Kriminali li tobbliga lill-imhallef togat li jfisser lill-gurati illi l-parti narrattiva jew esposittiva tal-att tal-akkuza ma tammontax ghall-prova u li l-prova trid**

**issir mill-prosekuzzjoni fil-kors tal-guri minn dak kollu li jingieb quddiemhom;**

**14. L-appellant hu tal-fehma li ghaliex, skond hu, l-parti narrattiva tal-att tal-akkuza hija karenti, ossia ma jispecifikax il-ftehim dwar il-mod kif kellu jsir r-reat li bih huwa akkuzat liema element huwa wiehed minn dawk mehtiega sabiex jirrizulta r-reat ta' kongura jew ahjar, assocjazzjoni, allura l-att tal-akkuza f'dak il-kap huwa null. Jibda biex jinghad illi dan l-istadju tal-proceduri m'huwiex mahsub sabiex isir il-gudizzju dwar il-fatti ghaliex dak, kif gia inghad, huwa rizervat ghall-gurati. <u>Dak li irid ikun deciz f'dan l-istadju partikolari tal-process penali hu, la darba saret din l-eccezzjoni, li l-parti narrattiva u l-parti akkuzatorja (ex subinciz (d) tal-artikolu 589) jkunu riflessi fi jew rizultat tal-atti kumpilatorji u li l-parti esposit
tiva ikun fiha bizzejjed partikolaritajiet li fis-sustanza tiddeskrivi r-reat li bih huwa mixli l-akkuzat;[2]"</u>**

**23**. Illi minn qari tal-parti narrattiva tal-Att ta'l-Akkuża ma jidhirx illi l-Avukat Ġenerali ħoloq xi storja mhux sostanzjata mill-provi kkumpilati. Lanqas ma jidher li dawn kienu dramattiżżati jew mkabbra bil-għan li jitfgħu xi dell ikrah fuq l-appellant, iżda huma konċiżi u indikattivi tal-fatti saljenti li jmerġu mill-kumpilazzjoni. Għalhekk, ġaladarba d-dettami tal-artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali ġew osservati, l-ebda nullita' ma tista' tiġi riskontrata, b'dan illi dan l-aggravju qed ikun miċħud u dak deċiż fir-rigward fis-sentenza appellata kkonfermat.

**<u>It-Tieni Aggravju – Il-fatti miġjuba fl-Att tal-Akkuża ma jikkostitwux, fis-sustanza r-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att u għalhekk l-fatti miġjuba fl-Att tal-Akkuża ma jikkostitwux, fis-sustanza r-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att.</u>**

**24.** L-appellant isejjes dan l-aggravju fuq dak dispost fl-artikolu 449(5)(b) tal-Kodiċi Kriminali, liema disposizzjoni tal-liġi madanakollu ma ssibx applikazzjoni f'dan l-istadju tal-proċeduri u dan għaliex is-sub-inċiż iċċitat mill-appellant jirreferi għal dik l-istanza fejn n-nullita' tal-Att tal-Akkuża jkun imqanqal wara l-verdett tal-ġuri.

---

[2] Sottolinjar tal-Qorti

**25.** Isostni illi l-Avukat Ġenerali naqas milli jsemmi fatti li huma favorevoli għalih, u ċioe' illi huwa kien innega illi kellu xi ftehim biex tiġi traffikata d-droga. Fuq dan il-punt jiġi rilevat, illi kif ingħad fl-aggravju preċedenti, l-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża ma torbotx u ma tikkostitwixxi l-ebda prova favur jew kontra l-appellant. Jekk l-appellant jixtieq waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri jġib a konjizzjoni tal-ġurati fatti li huma favorevoli għalih, huwa jista' jagħmel dan fid-difiża tiegħu. Ikompli jsostni li l-fatti kif esposti mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva tal-Att t'Akkuża ma jipprospettawx l-elementi legali li jsawru r-reati li jinsab akkużat bihom, iżda għal darb'oħra jonqos milli jindika fejn, fil-fehma tiegħu, l-Avukat Ġenerali qiegħed jippekka fit-tfassil minnu magħmul ta'l-Att ta'l-Akkuża.

**26.** L-appellant huwa mixli fl-ewwel żewġ kapi tal-akkuża bir-reat tal-pussess tad-droga f'ċirkostanzi li jindikaw li dan il-pussess ma kienx wieħed għall-użu esklussiv tiegħu. Illi mill-fatti narrati jemerġi illi l-appellant kien imwaqqaf mill-pulizija wara insegwiment li seħħ bil-vetturi rispettivi tagħhom fejn fil-vettura li kienet misjuqa mill-appellant instab ammont sostanzjali ta' droga u ċioe' 40 kilogramma pjanta tal-*cannabis* u numru ta' blokok raża tal-*cannabis* tal-piż totali ta' 5800 gramma. Illi dan l-ammont ta' droga misjub fil-pussess kostruttiv tal-appellant allura jorbot mal-akkuża lilu addebitata mbagħad fil-parti akkużatorja

**27.** Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Noel Borg** deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:

> **"Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). <u>Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex</u>**

**<u>tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)</u> (Sottolinear u enfasi tal-esponent)**

**28**. Illi fit-Tielet Kap tal-Att t'Akkuża l-fatti kif esposti mill-Avukat Ġenerali fil-parti narrattiva ta' dan il-Kap jipprospettaw l-elementi legali li jsawru r-reat kontravvenzjonali ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, u dan meta mill-fatti narrati jemerġi illi l-appellant allegatament ingħata ordni minn PS 1086, PS 579, PC 1494, PC 1564, PC 760 u PC 101 sabiex iwaqqaf il-vettura li kien qed isuq, iżda minflok huwa qaleb fuq il-karreġġjata opposta tat-traffiku u beda jserrep bejn il-karozzi b'veloċita' eċċessiva u b'mod perikoluż. Sussegwentement, meta l-Pulizija rnexxilhom iwaqqfu lill-appellant u ordnawlu biex joħroġ mill-vettura tiegħu huwa rrifjuta milli jagħmel dan. Dan jorbot ukoll mal-elementi legali il jsawwru ir-reat imfassal fir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża fejn l-appellant huwa mixli bis-sewqan traskurat u perikoluż.

**29**. Issa dawn il-fatti narrati jridu neċessarjament jiġu ippruvati waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Madanakollu ma jistax jingħad illi tali fatti ma jorbtux mar-reat ipprospettat fil-parti akkużatorja ta' kull Kap. Kwindi dak ilmentat mill-appellant f'dan l-aggravju huwa għal kollox bla bażi, kif inhu ukoll għal kollox insostenibbi l-aħħar parti ta' dan l-aggravju fejn l-appellant isostni li l-fatti misluta mill-Avukat Ġenerali mill-atti kumpilatorji, sabiex jibni in-narrattiva tal-Att tal-Akkuża, jirriżultaw minn provi li mhumiex ammissibbli fil-liġi minħabba li hemm kunflitt fihom. Illi dan l-ilment huwa għal kollox frivolu meta kellu jkun evidenti għall-appellant illi l-apprezzament dwar il-provi huwa rimess għal ġudizzju tal-ġurija popolari u b'din il-Qorti, u bil-Qorti Kriminali qabilha, f'dan l-istadju, ma jinoltrawx rwieħhom f'tali eżerċizzju. Mhux biss, iżda il-fatt waħdu li jkun hemm kunflitt fl-evidenza ma jwassalx għall-inammissibbilita' tal-istess, bl-appellant fuq kollox għal darb'oħra jonqos milli jindika fl-ispeċifiku liema hi dik l-evidenza li, fil-fehma tiegħu, hija inammissibbli. Kif lanqas ma jispeċifika xi disposizzjoni tal-liġi li qiegħda tiġi vvjolata permezz tal-provi li, fil-fehma tal-appellant, huma inammissibbli. U allura din

il-Qorti tagħmel tagħha dak deċiż mill-Qorti Kriminali fir-rigward ta' dan l-ilment meta qalet hekk:

> **36. Issa l-kwistjoni jekk, bħala fatt, dak mistqarr mill-Avukat Ġenerali f'dawn iż-żewġt Kapi tal-Att tal-Akkuża jirriżultawx jew le mill-provi li se jkunu prodotti lill-ġurati, u jekk allura tali provi jistgħux jitqiesu li jippruvaw l-elementi kostitutivi tar-reat ..... , hija kwistjoni li trid tiġi affrontata matul il-kors tal-ġuri u li dwarha l-ġurati jkunu jridu joħorġu l-verdett tagħhom – u mhux f'dan l-istadju.**

**30**. Illi l-Qorti ma tistax ma tiċċensurax il-mod kif huwa redatt ir-rikors tal-appell bl-aggravji imressqa *in vacuum* mingħajr ma jkun indikat fl-ispeċifiku x'inhu l-ilment tal-appellant. Il-Qorti ċertament ma hijiex mistennija toqgħod tipprova tindovina x'kellu f'moħħu l-appellant meta ressaq l-aggravju tiegħu u x'inhu l-ilment tiegħu, bl-aggravji imressqa b'mod konfużjonarju fejn jipprospettaw iktar minn allegat nuqqas wieħed mingħajr ma jkun ndikat minn fejn mill-atti jemerġi dan in-nuqqas. Illi fil-fatt din kienet l-istess kritika li għamlet il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, bl-appellant madanakollu ma ibiddilx l-istil kif iressaq l-ilmenti tiegħu, u ma jagħmel xejn ħlief li jirrepeti l-istess sottomissjonijiet 'fl-arja' kif għamel quddiem l-Ewwel Qorti. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi probatorji din il-Qorti ma tistax tara kif tista' tindirizza xi aggravju kontra s-sentenza appellata meta dan ma jindikax xi kritika diretta lejn dak deċiż. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**<u>It-Tielet Aggravju – L-Att tal-Akkuża ma jagħti ebda tagħrif dwar is-sitwazzjoni preżenti ta' Darren Mizzi</u>**

**31**. F'dan l-aggravju l-appellant jilmenta li l-Avukat Ġenerali fl-Att tal-Akkuża naqas milli jagħti tagħrif dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-appellant liema sitwazzjoni għandha tkun sa mill-bidu nett fil-pussess tal-ġurati, kif ukoll li dan in-nuqqas ta' tagħrif dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-appellant, fil-fehma tiegħu, iġib in-nullita' ta' l-Att tal-Akkuża.

**32.** Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha:

**"47. Iċ-ċirkostanzi ta' fatt li jistgħu ikunu jaffettwaw il-qagħda fiżika tal-akkużat, iżda li ma jkollhomx piż jew valenza fuq l-elementi formali jew materjali tar-reat li bih ikun mixli l-akkużat, mhux meħtieġa li jiġu msemmija mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża. Il-kwistjoni dwar jekk u safejn il-qagħda u l-kondizzjoni fiżika tal-akkużat tistax iġġib sens ta' simpatija fil-ġurija hija kwistjoni li ma ssibx lokha f'dan l-istadju preliminari."**

**33.** Jiġi rilevat illi meta l-artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar iċ-ċirkostanzi kollha li skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena, dan neċessarjament jirreferi għaċ-ċirkostanzi kollha li jemerġu mill-atti tal-kumpilazzjoni u li fil-fehma tal-Avukat Ġenerali għandhom piż fuq l-elementi formali jew materjali tar-reat li bih ikun jinsab mixli l-akkużat, u l-konsegwenzjali piena. Għalhekk is-sitwazzjoni/qagħda fiżika u/jew medika tal-appellant mhix ċirkostanza kontemplata fil-liġi, u bil-fatt li l-Avukat Ġenerali ma semmiex is-sitwazzjoni preżenti tal-appellant, liema sitwazzjoni lanqas hija indikata fir-rikors t'appell, bil-Qorti għal darb'oħra trid tipprova tindovina hi x'ried ifisser l-appellant, ma twassalx għan-nullita' tal-Att tal-Akkuża.

**34.** Jerġa isostni l-appellant f'dan l-aggravju, l-ilment tiegħu illi huwa kien mixli mill-Avukat Ġenerali b'reati li jemerġu minn provi konfliġġenti u għal darb'oħra ir-rikors tal-appell huwa sajjem minn liema, fil-fehma tal-appellant, huma dawn il-provi li jippreżentaw din l-allegata konfliġġenza. Jerġa' jiġi ribadit illi dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex intiż sabiex isir l-apprezzament tal-provi. Dak huwa l-kompitu tal-ġurati li bħala mħallfin tal-fatt iridu jgħarblu u jagħmlu apprezzament tal-provi miġjuba quddiemhom sabiex finalment jaslu għall-verdett tagħhom. Għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**<u>Ir-Raba' Aggravju – L-akkużat ma ngħatax aċċess għall-*case file* tal-investigazzjoni</u>**

**35**. Għalkemm l-appellant f'dan l-aggravju jipprotesta n-nuqqas ta' smigħ xieraq fil-proċess ġudizzjarju imressaq kontrih minħabba il-fatt illi qabel huwa tressaq il-qorti ma

ingħatax aċċess għall-evidenza materjali li l-pulizija kellha f'idejha, imbagħad iżid ilment ieħor taħt l-istess intestatura fejn jilmenta illi matul l-investigazzjoni saret konsenja kontrollata ta' droga mhux skont il-liġi billi din saret mingħajr l-awtorizazzjoni ta' Maġistrat jew ta'l-Avukat Ġenerali.

**36**. Għal darb'oħra l-appellant iqajjem dan l-aggravju b'mod astratt u vag u dan meta jonqos milli jispeċifika liema kienet dik l-informazzjoni/evidenza materjali li l-Pulizija kellha fil-pussess tagħhha mal-arrest tiegħu u ma tagħtux aċċess għalih biex b'hekk inħoloq preġudizzju irrimedjabbli fil-konfront tiegħu bi ksur tal-artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali.

**37**. Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Clayton Azzopardi*** deċiża nhar it-13 ta' Frar 2017 mill-Qorti Kostituzzjonali ġie ritenut is-segwenti:

> **20. Riferibilment għan-nuqqas ta' aċċess għall-case file tal-pulizija, minkejja li hemm qbil li ebda imputat ma seta' jkollu aċċess għall-case file tal-pulizija fiż-żmien tal-arrest tal-attur, l-attur ma tax ħjiel kif dan in-nuqqas wassal għan-nuqqas ta' smigħ xieraq fil-każ tiegħu.**
>
> **21. Hu paċifiku li sabiex jiġi żgurat il-prinċipju tal-equality of arms l-akkużat irid ikollu tagħrif tal-provi li ser jinġiebu kontrieh sabiex iħejji d-difiża tiegħu. Dan hu ċentrali f'sistema penali sabiex jiġu żgurati l-ġustizzja u s-smigħ xieraq.**
>
> **22. Madankollu fil-każ tal-lum ma jirriżultax li l-attur ma kellux aċċess għall-provi miġbura fl-istadju tal-kumpilazzjoni jew li ma kellux dritt li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda prodotti, jew li ma kellux aċċess għad-dokumenti esebiti. Inoltre fil-kors tal-kumpilazzjoni kellu d-dritt skont il-liġi li jobbliga lill-pulizija tipproduċi d-dokumenti relevanti kollha fil-pussess tagħha.**
>
> **23. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, u meqjusa wkoll il-proċeduri kriminali kontrih sal-lum il-ġurnata, din il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-attur ġarrab preġudizzju hekk li ma setax iħejji difiża xierqa għall-akkużi miġjuba kontrieh. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)**

**38**. Issa għalkemm huwa il-jedd fondamentali tal-akkużat li jsir proċess ġust u li jkollu smigħ xieraq bid-dritt li huwa jiddefendi ruħu għall-akkużi serji lilu addebidati, għalkemm in-nuqqas min-naħa tal-Prosekuzzjoni li tgħaddi informazzjoni

preventivament lill-akkuzat dwar kull evidenza materjali li għandha f'idejha u li se tintuża fil-proċess ġudizzjarju intavolata kontrih jista' jwassal għal leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq billi imbagħad ma jkunx jista' jiddefendi ruħu sew kontra l-akkużi lilu addebitati, madanakollu dan in-nuqqas, jekk jirriżulta, ma jwassalx għall-inammissibbilita' ta'l-evidenza kumpilatorja kif donnu qed jissuġġerixxi l-appellant, ukoll għaliex huwa biss meta jiġi determinat finalment il-proċess gudizzjarju kollu jista' jkun stabbilit illi tali nuqqas seta' wassal għal leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tal-appellant, u mhux qabel. Finalment huwa indubitat illi llum l-appellant għandu aċċess għall-provi kollha li ser jinġiebu fil-konfront tiegħu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri mill-provi kkumpilati, ser ikollu d-dritt li jagħmel il-kontro eżamijiet tax-xhieda li ser jiġu prodotti mill-Prosekuzzjoni, u għandu aċċess għad-dokumenti kollha eżebiti, b'dan illi tul il-proċeduri quddiem l-Istruttur huwa kellu jedd jitlob li jkun eżebit il-*case file* investigattiv, iżda qatt ma ressaq tali talba kif kellu jedd jagħmel fit-termini ta'l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali. Illi, kif ingħad, llum l-appellant għandu f'idejh l-evidenza materjali kollha li fuqha huwa imsejjes il-każ tal-Prosekuzjoni sabiex b'hekk hemm adeżjoni ma' dak dispost fl-artikolu 534AF(3) meta jingħad:

> **Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġikkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.**

**39**. Illi l-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata eżaminat *funditus* dan il-kunċett tal-jedd tal-persuna akkużata għall-evidenza materjali tal-każ u a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti tagħmel tagħha tali konsiderazzjonijiet u fuq kollox taderixxi ma' dak minnha deċiż meta ntqal hekk fis-sentenza appellata:

> **65. F'dan il-każ mhux ċar x'inhi dik l-informazzjoni li l-akkużat qiegħed jallega li l-Pulizija żammet mistura minnu bi ksur kwindi taddritt tiegħu għall-informazzjoni kif sanċit fl-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma jidher li din il-lanjanza qatt tressqet f'xi fażi oħra ta' dawn il-proċeduri.**

**Jirriżulta li l-akkużat dejjem kien debitament assistit mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu fil-mori talkumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. In oltre, f'din il-fażi tal-proċeduri fejn għad iridu jinġiebu u jinstemgħu l-provi miġbura kemm favur u kemm kontra l-akkużat quddiem il-ġurati waqt il-ġuri, ma jistax jingħad li l-akkużat ġie mċaħħad milli jkollu aċċess għall-informazzjoni hekk kif dik l-informazzjoni għad trid titressaq u tinstema' kif ingħad. B'rabta ma' dan, l-akkużat debitament assistit sejjer ikollu l-opportunita' kollha permezz tad-difiża tiegħu daqskemm permezz tal-mekkaniżmu talkontro-eżami li jikkontrolla kwalsiasi prova li sejra titressaq fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.**

**66. Jekk l-akkużat kien jaf b'xi informazzjoni li ġiet mistura minnu mill-Pulizja, huwa kien irid jgħid x'kienet dik l-informazzjoni li jirriżultalu li ma ġietx mgħoddija lilu. Ma jirrżultax li l-akkużat qatt ġie rifjutat aċċess għad-dokumentazzjoni kollha kontenuta fil-proċess u ma jirriżultax lanqas li l-Pulizija għandha provi oħra li ma ġewx esebiti fil-fażi kumpilatorja tal-proċeduri. Fi kwalunkwe każ, dak li sejjer jikkostitwixxi bħala prova kemm favur u kemm kontra lakkużat huma biss dawk il-provi li ġew ippreżentati fil-mori talkumpilazzjoni u li sejrin jiġu mressqa quddiem il-ġurija popolari filfażi taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.**

**67. In definittiva, din il-Qorti tqis li l-akkużat ma rnexxilux jipprova li ġie mċaħħad minn prova konkreta li kienet fil-pussess tal-Pulizija u li minħabba f'hekk sofra preġudizzju.**

Għal dawn il-motivi dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**<u>Il-Ħames Aggravju – Il-prinċipju legali *quod nullum est, nullum producit effectum* u s-Sitt Aggravju dwar l-inammissibbilita' bħala prova tal-Konsenja kontrollata</u>**

**40.** Illi dawn iż-żewġ aggravji qed ikunu ikkunsidrati flimkien billi l-ilment huwa wieħed u komuni għalihom. L-appellant jinsisti li l-operazzjoni tal-Pulizija minn meta dawn bdew isegwu l-movimenti tiegħu sal-mument li ġie nterċettat u mwaqqaf minnhom, fejn sussegwentement kienet misjuba s-sustanza illeċita fil-vettura li kien qiegħed isuq, kienet operazzjoni polizjeska hekk imsejħa 'konsenja kontrollata' li taqa' taħt id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk sabiex l-istess tkun waħda valida u skont il-liġi, il-Prosekuzzjoni kien jenħtieġilha ġġib prova dokumentarja li turi li l-Pulizija ottjenew il-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta'

Maġistrat preventivament. Dan in-nuqqas jirrendi l-evidenza miksuba minn din l-operazzjoni investigattiva, fil-fehma tal-appellant, bħala inammissibbli.

**41.** Illi mill-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta li l-Pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali illi kienet ser tiġi ttrasportata d-droga ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DRN 792. Jirriżulta wkoll li l-Pulizija bdiet tagħmel is-sorveljanza meta intlemħet l-imsemmija vettura li kienet taħt il-kontroll tal-appellant. Isir l-insegwiment u l-appellant jiġi imwaqqaf u minn tfittxija li issir sussegwentment fil-vettura lilhom indikata, tinstab mill-pulizija d-droga. Illi mingħajr ma tinoltra ruħha f'apprezzament dwar il-provi li għandha f'idejha il-Prosekuzzjoni, huwa indubitat illi dawn il-fatti probatorji, kif ikkumpilati, ma humiex indikattivi tal-operazzjoni investigattiva tal-konsenja ikkontrollata, biex b'hekk ma kenitx meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-Avukat Ġenerali jew ta' xi Maġistrat. Dan magħdud, madanakollu huma dawk il-provi li ser jitressqu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri li l-ġurati jridu neċessarjament jistrieħu fuqhom sabiex jilħqu il-verdett finali u kwindi la din il-Qorti, u lanqas il-Qorti Kriminali qabilha, ma tista' twarrab ebda prova li hija rilevanti f'dan l-istadju u li dwarha jrid isir l-apprezzament fil-kors tal-ġuri, b'dan illi l-Imħallef li jippresjedi għandu jagħti dawk id-direttivi meħtieġa lil ġurija dwar il-valur probatorju tal-evidenza u allura jagħti dik id-direzzjoni legali li fuqha l-ġurija trid tistrieħ meta tiġi biex tagħrbel l-evidenza u tqies jekk din kenitx miksuba skont il-liġi o meno

**42**. Fil-fatt il-Qorti Kriminali ddeċidiet din l-eċċezzjoni b'dan il-mod:

> **77. F'dan il-każ pero din l-informazzjoni u ċ-ċertezza ta' konsenja illeċita ta' droga jew proventi ma tirriżultax li kienet fil-pussess tal-Pulizija. L-informazzjoni li donnu waslet lil Pulizija ma jirriżultax li kienet waħda speċifika u dettaljata, iżda iktar waħda ta' natura ġenerika dwar allegat involviment tal-vettura li nstabet misjuqa akkużat li kienet setgħet qegħda tiġi wżata għat-trasport tad-droga. Fi kliem l-Ispettur Justine Grech, investigatriċi prinċipali f'dan il-każ "fil-wieħed u tletin ta' Jannar elfejn u dsatax, irċevejna informazzjoni kunfidenzjali illi kellha ssir trasport tad-droga ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DRN 792". Din mhix informazzjoni preċiża u ċerta li l-Pulizija setgħet tistrieħ fuqha u taċċettah bħala fatt veru. Din kienet informazzjoni li setgħet tkun vera daqskemm setgħet ma kienetx vera. Kienet informazzjoni li kienet teħtieġ aċċertamenti. Ma jirriżultawx provi sodi f'idejn**

il-Pulizija ta' kif u come l-akkużat kien involut fid-droga, jew ta' min kien qiegħed isuq il-vettura DRN 792, jew li fil-fatt f'dik il-karozza verament kienet hemm id-droga maħżuna. Tant dan ma kienx fatt ċert, li l-Ispettur Grech kienet ordnat lin-nies mill-Iskwadra kontra d-Droga biex l-ewwel imorru jagħmlu sorveljanza u biex jekk u meta jkun possibbli, mal-mument opportun, iwaqqfu lil din il-vettura biex jagħmlu tfittxija fiha. B'hekk l-informazzjoni li waslet lill-Pulizija riedet tiġi investigata u mistħarrġa qabel ma l-Pulizija setgħet tikkonkludi li bħala fatt kienet verament qegħda tiġi trasportata droga f'dik il-vettura. Iżda mbagħad, kieku għall-grazzja tal-argument wara s-sejba il-Pulizija kienet teħtieġ li twassal dik id-droga għand persuna oħra, hemmhekk kienet teħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Maġistrat jew tal-Avukat Ġenerali in kwantu f'dak il-punt ma kienx ikollha biss informazzjoni jew suspett li kien hemm trasporta ta' droga, iżda f'dak il-punt il-Pulizija jkollha ċ-ċertezza tas-sejba tad-droga in kwantu dik is-sejba ta' droga tkun fil-kustodja tagħha. Huwa evidenti li ż-żewġ xenarji huma differenti.

78. B'hekk f'dan il-każ, ma jirriżultax li kien każ fejn il-Pulizija kienet taf b'ċertezza li konsenja droga partikolari kienet sejra tasal f'Malta dakinhar tal-operazzjoni jew li kienet sejra tiġi konsenjata f'Malta mill-akkużat lil persuni oħra dakinhar tal-operazzjoni u li l-Pulizija, konxja minn tali konsenja, riedet li tħalliha ssir u tasal sad-destinazzjoni tagħha minflok tiġi maqbuda immedjatament. Stando ma din l-evidenza, l-operazzjoni de quo ma jistax jingħad li kienet tinkwadra fit-tifsira ta' konsenja kontrollata u għalhekk ma kienetx meħtieġa xi awtorizzazzjoni speċjali ta' Maġistrat jew l-Avukat Ġenerali sabiex il-Pulizija tagħmel xogħolha f'dan il-każ.

79. Minn imkien mix-xhieda tal-Pulizija – PC 1295 Dillon Abela, PS 122 Arthur Borg, PC 118 Eman Joe Borg, PC 300 Glen Cachia, PC 1494 Andre Grech, l-Ispettur Justine Grech, PC 101 Ruznai Gaffarena, PS 579 Anthony Micallef, PS 1086 Johann Micallef, PC 760 Chris Saliba, PC 1564 Kyle Zammit – ma jirriżulta li l-operazzjoni li waslet għall-arrest ta' MIZZI kienet konsenja kontrollata u jirriżulta biss mix-xhieda tagħhom li l-investigazzjoni kienet naxxenti minn informazzjoni ta' natura kunfidenzjali li daħlet lill-Pulizija.

80. Din il-kwistjoni ta' jekk l-operazzjoni tal-Pulizija tammontax għall-konsenja kontrollata jew le neċessarjment teħtieġ interpretazzjoni tal-fatti kif jemerġu mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija nvoluti f'din l-operazzjoni. In kwantu tali, din il-Qorti ma tistax tiddeċiedi hi jekk il-fatti li xehedu dwarhom il-Pulizija jammontawx għal konsenja kontrollata fi ħdan it-tifsira misjuba fl-Artikolu 30B(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-mansjoni hija rimessa għall-ġurati li għad iridu jisimgħu x-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija involuti f'din l-operazzjoni. Għalhekk ikun intempestiv li tiġi dikjarata inammissibbli x-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li xehedu dwar l-investigazzjoni li waslet għall-qabda tad-droga fil-vettura misjuqa mill-akkużat MIZZI."

**43.** Illi kien hekk deċiż minn din il-Qorti, kif komposta, fl-appell Ir-Repubblika ta' Malta vs Fabian Catania[3] dwar eċċezzjoni konsimili:

> **"..... illi hemm distinzjoni netta bejn l-użu li l-investigaturi jagħmlu ta' informazzjoni li tiġi mgħoddija lilhom u li tista' tixpruna xi investigazzjoni u l-involviment dirett ta' persuna jew persuni li jkunu fornew dik l-informazzjoni f'operazzjoni polizjeska li ssir bil-moħbi. Fl-ewwel istanza l-involviment tal-investigaturi fl-eżekuzzjoni tad-delitt investigat tibqa' waħda passiva kuntrarjament għall-involviment dirett u rejali li jseħħ meta ikun hemm dik l-operazzjoni kkontrollata, fejn kważi kważi ikun hemm forma ta' istigazzjoni biex iseħħ id-delitt, u li twassal sabiex is-suspettat jinqabad jikkometti l-att inkriminatorju.**
>
> **18. L-artikolu 30B tal-Kapitolu 101 fil-fatt jagħti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi konsenja kkontrollata u jiddeskrivi din il-parteċipazzjoni attiva tal-investigaturi bħala dik it-teknika li** ***biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża .... jew ta' flus, proprjetà jew rikavat titħalla toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew titħalla tgħaddi minn post jew min għand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor, intatta, jew imneħħija jew mibdula kompletament jew parzjalment*****, liema operazzjoni ssir** ***'bil-kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Eżekuttiva'*****, li fit-test Ingliż tal-liġi hija imfissra bħala waħda li ssir** ***'with the knowledge and under the supervision of the Executive Police'.***
>
> **19. Illi din id-definizjoni tinsab ukoll fil-*1988 UN Convention against Illicit Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances* riprodotta ukoll fil-*2000 UN Convention against Transnational Organised Crime* fejn hija hekk definita:**
>
> > ***The technique of allowing illicit or suspect consignments of (...) drugs (...) or substances substituted for them, to pass out of, through or into the territory of one or more countries, with the knowledge and under the supervision of their competent authorities, with a view to identifying persons involved in the commission of offences (...)"***
>
> **B'din id-diċitura allura l-Qorti tifhem illi jrid ikun hemm il-parteċipazzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva fl-operazzjoni u mhux sempliċement sorveljanza minn naħa tagħhom fuq suspettat aġir inkriminatorju, għaliex altrimenti għal kull operazzjoni investigattiva jkun jenħtieġ l-awtorizazzjoni tal-Maġistrat jew inkella tal-Avukat Ġenerali."**

[3] Deċiża 21/06/2023

**44.** Jikkonsegwi għalhekk illi il-fatti kollha li waslu għal din l-operazzjoni tal-Pulizija jridu jemerġu, kif ingħad, waqt il-ġuri meta ser jerġgħu jiddeponu x-xhieda li xehdu fil-kumpilazzjoni u allura tali lment ma jistax ikun determinat minn qabel mill-Qorti għaliex altrimenti jkun qed isir apprezzament tal-provi, manzjoni li għandha tkun riposta unikament f'idejn il-ġurija. Issa jekk b'dawn il-fatti, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti, kienx jenħtieġ illi din l-operazzjoni ssir bl-awtorizzazzjoni tal-Maġistrat jew tal-Avukat Ġenerali kif hemm maħsub fl-artikolu 30B tal-Kapitolu 101, hija kwistjoni li trid tkun determinata mill-provi, bl-Imħallef imbagħad jagħti dawk id-direzzjonijiet opportuni lil ġurija fl-indirizz finali. Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-aggravju tal-appellant marbuta mal-istess qed ikun miċħud.

**<u>Is-Seba' Aggravju – ir-Relazzjoni u x-xhieda tal-espert Dr Godwin Sammut</u>**

**45**. Illi dan l-aggravju jittratta l-allegata inammissibilita' tax-xhieda tal-espert Dr Godwin Sammut u tar-rapport redatt minnu, mmarkat u eżebit bħala Dok. GS1 a fol. 179 *et seq.* tal-atti proċesswali, u dan għaliex, fil-fehma tal-appellant, il-laboratorju li fih saru l-eżamijiet xjentifiċi forensiċi relattivi mhuwiex laboratorju akkreditat fit-termini tad-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/ĠAI u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31. Konsegwentement, l-appellant talab ukoll l-isfilz tar-relazzjoni redatta minn Dr Godwin Sammut u tax-xhieda tiegħu.

**46**. Illi din il-Qorti kellha okkażjoni, f'diversi deċiżjonijiet mogħtija minnha, tiġbed l-attenzjoni illi d-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/ĠAI u l-Leġislazzjoni Sussidjarja korrispondenti taħt il-Liġi Maltija 460.31, attwalment mhix applikabbli fejn tidħol analiżi ta' droga, iżda fit-termini ta'l-artikolu 2, id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw f' profil tad-*DNA* u *data* dattiloskopika.

**47.** Illi ukoll jiġi ribadit għal darb'oħra, illi għalkemm huwa minnu illi ċertifikazzjoni dwar akkreditazzjoni huwa il-kejl li bih jista' jkun stabbilit illi laboratorju huwa kompetenti, madanakollu n-nuqqas ta' akkreditazzjoni ma jxejjinx awtomatikament l-

evidenza miksuba. Illi tali apprezzament dwar is-saħħa probatorja ta' din l-evidenza għandha ssir unikament waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri għaliex huwa f'dak l-istadju illi din l-evidenza tinġieb 'il quddiem għall-konsiderazzjoni tal-ġurati u huwa biss f'dak l-istadju, allura, illi mix-xiehda tal-espert jista' jkun stabbilit jekk din l-evidenza setatx tkun ikkontaminata minħabba xi tagħmir inadegwat jew nuqqasijiet fil-proċess utiliżżat biex isiru l-eżamijiet forensiċi. Illi l-liġi tipprovdi salvagwardja f'dan is-sens fl-artikolu 656 tal-Kodiċi Kriminali fejn hemm dispost illi *"min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu."*

**48.** Illi fuq din il-linja waslet għad-deċiżjoni tagħha il-Qorti Kriminali, liema deċżjoni din il-Qorti hija konkordi magħha:

> **.... din il-Qorti tirrileva li skont ma jirriżulta mill-atti proċesswali dawn il-proċeduri ilhom għaddejjin sa mit-2 ta' Frar 2019 u l-analiżi tas-sustanzi illeċiti mill-espert forensiku l-Ispiżjar Godwin Sammut saret nhar it-8 ta' April 2019 skont ma jirriżulta minn foljo 185 tal-atti proċesswali. Qatt qabel l-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari ma tqajjem dubju mid-Difiża tal-akkużat dwar l-kwalifiċi tal-espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti jew dwar il-ħiliet tiegħu u wisq anqas qatt ma ġew ikkontestati r-riżultanzi tar-relazzjoni tiegħu jew tal-faċilitajiet li juża fl-Universita ta' Malta. Dan allavolja l-Leġislazzjoni Sussidjarja li l-akkużat jagħmel referenza għaliha kienet diġa daħlet fis-seħħ fil-Liġi Maltija meta nbdew il-proċeduri kontra l-akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.**
>
> **100. In oltre, din il-Qorti żżid tgħid li sal-ġurnata ta' din is-sentenza ma jirriżultax li hemm obbligu fil-Liġi Maltija sabiex it-testijiet fuq sustanzi illeċiti jsiru ġewwa laboratorji akkreditati. B'hekk tali testijiet u konklużjonijiet ma jistgħux jiġu meqjusa bħala difettużi."**

**49.** Illi imbagħad l-appellant iqanqal ilment ġdid f'dan l-istadju ta' reviżjoni, meta jikkontendi illi li r-riżultat tat-test miksub mill-magna utiliżżata mill-espert jammonta għal evidenza hekk imsejħa *hearsay* jew aħjar sempliċi interpretazzjoni personali ta' Dr Godwin Sammut ta' dawn ir-riżultati. Dan meta l-appellant isostni *verbatim* "***għaliex l-ispiżjar huwa effetivament qed jgħid x'qaltlu l-magna mingħajr ma nafu l-magna teknikament kif waslet għar-riżultat***". Illi l-Qorti tistqarr, mingħajr tlaqliq, illi dan l-

ilment jirrażenta il-fieragħ, ukoll għaliex ma jistax jingħad illi l-konklużjonijiet milħuqa mill-espert huma imsejsa fuq kliem ħaddieħor, sakemm l-appellant ma jagħtix is-sura ta' bniedem lil magna li permezz tagħha inkisbu ir-riżultati forensiċi! L-espert ikun maħtur mill-Qorti jew mill-Inkwirenti minħabba s-sengħa jew il-ħila speċjali tiegħu. Huwa l-uniku xhud li jista' jagħti xi fehma abbażi ta' din il-ħila li jkollu. Huwa indubitat ukoll illi l-maġġior parti tal-esperti hekk maħtura jutilizzaw xi forma ta' apparat sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-analiżijiet tagħhom, apparat li skond il-ħila tagħhom huma jkunu jgħarfu jħaddmu sabiex jiksbu ir-riżultati forensiċi meħtieġa. Issa jekk l-appellant jixtieq ikun jaf il-mod kif l-espert Dr Godwin Sammut, permezz tal-magna msemmija, wasal għal tali riżultanzi dan jista' jagħmlu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri waqt id-deposizzjoni tal-espert meta ikun jista' jistaqsi dawk id-domandi kollha pertinenti rigward il-kapaċitajiet u il-ħiliet tal-espert, l-apparat minnu utilizzat u iċ-ċertifikazzjoni ta' dan l-apparat, ħaġa li kif tajjeb irrimarkat l-Qorti Kriminali naqas milli jagħmel fl-istadju kumpilatorju meta kellu l-opportunita' jindaga dwar il-valur u s-saħħa probatorju tal-evidenza forensika riżultanti mill-analiżi magħmula mill-espert. Għal dawn il-motivi kollha dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**<u>It-Tmien Aggravju – Kunflitt fil-provi eżebiti</u>**

**50.** Illi dan l-aggravju jitratta allegazzjoni ta' kunfitt fil-provi esebiti marbuta max-xhieda tal-espert Godwin Sammut kif ukoll tar-relazzjoni tiegħu in kwantu li, fil-fehma tal-appellant, jeżisti kunflitt fl-indikazzjonijiet u deskrizzjonijiet kontenuti fir-relazzjoni tiegħu u dan b'referenza għal dak li ġie ndikat bħala 'pakketti vojta'. Kif ukoll, jilmenta li għalkemm Godwin Sammut jindika li l-pakketti vojta ġew mgħoddija lil Dr.Marisa Cassar għall-analiżi tad-*DNA* madanakollu m'huwiex ċar dak li effettivament ġie mgħoddi lil Dr.Marisa Cassar minn dan l-espert. Kif ukoll, l-appellant isostni li ma jirriżultax min kien li żvojta dawn il-pakketti indikati bħala vojta qabel għaddihom lill-imsemmija espert seroloġista.

**51**. Illi minn daqqa t'għajn lejn l-evidenza li tinsab a fol.181 tal-atti tal-kumpilazzjoni, jirriżulta li nhar il-31 ta' Jannar 2019 l-espert xjenzat Godwin Sammut ġie mogħti seba' (7) dokumenti minn PS.826 Matthew Parnis, u dan kif jemerġi wkoll mis-*submission form* ezebita fl-atti kumpilatorji, senjatament a fol. 189. Mir-relazzjoni ta' l-espert Godwin Sammut jirriżulta li dawn is-seba' (7) dokumenti kienu jikkonsistu f'*evidence bags* li fihom kien hemm pakketti li kienu *vacuumed sealed* kontenenti s-sustanza li kellha tiġi analizzata mill-espert. Illi sabiex l-espert Sammut seta' jagħmel l-analiżi tiegħu għar-rigward il-kontenut li kien jinsab f'dawn il-pakketti huwa neċessarjament kellu jiftaħ dawn l-imsemmija pakketti. Għalhekk, meta Dr. Godwin Sammut a fol. 181 sa 183 tal-atti proċesswali kiteb, *"Il-pakketti il-vojta ġew mogħtija lil Dr. Marisa Cassar għall-analiżi ta' DNA"* loġikament kien qed jagħmel referenza għall-pakketti, jew aħjar dak il-*packaging,* li huwa oriġinarjament fetaħ sabiex jagħmel l-analiżi tiegħu għar-rigward il-kontenut tagħhom u li mbagħad għadda l-istess pakketti, issa vojta, lil Dr Marisa Cassar għall-analiżi tagħha. Dan anke huwa rifless fis-*submission form,* a fol. 190 tal-atti kumpilatorji fejn hemm miktub is-segwenti, *"Raġuni għas-sottomissjoni ta' l-esebit/i: For further narcotic analysis and after all necessary work has been done, kindly forward all packaging related material to Dr Marisa Cassar for DNA analysis from her side."*

**52.** Illi mir-relazzjoni ta' Dr.Marisa Cassar (a fol. 586 *et seq.* tal-atti kumpilatorji) jirriżulta kif nhar it-23 t'April 2019 hija ġabret mingħand Godwin Sammut is-segwenti dokumenti:

- 044_19_DNA – Basket tal-karti ta' lewn kannella li fih il-*packaging* tal-plastik li kien fih *buds* ta' lewn ħodor; u
- 044_19_DNA – Basket tal-karti ta' lewn kannella li fih il-*packaging* tal-plastik li kien fih il-blokok ta' lewn kannella.

**53**. Illi kemm l-espert Sammut kif ukoll Dr. Marisa Cassar ġew indikati fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża u eventwalment ser jiddeponu waqt iċ-ċelebrazzjoni

tal-ġuri fejn hemmhekk jistgħu jsirulhom domandi fuq il-kontinwita' tal-evidenza minnhom analiżżata. Huma l-ġurati li finalment għandhom jiddeċiedu fuq il-prinċipju tal-kontinwinita' tal-evidenza, dwar ir-riżultanzi tal-analiżi magħmula mill-esperti u dwar il-valur u s-saħħa probatorja tal-istess analiżi.

**54.** Illi kif tajjeb ikkonkludiet il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata:

> **114. Din il-Qorti tista' biss tiddikjara inammissibbli dawk il-provi li hija l-Liġi stess li teskludi l-produċibilita' tagħhom. Dan mhux il-każ hawnhekk. F'dan il-punt jekk il-ġurati jemnux lil Dr. Godwin Sammut u lil Dr. Marisa Cassar dwar min irċieva xiex u meta, hija kwistjoni ta' fatt rimessa lil ġurati. Huma l-ġurati li jridu jikkonkludu, wara li jisimgħu ix-xiehda tal-esperti Dr. Marisa Cassar u Godwin Sammut li jiddeċiedu fattwalment fuq il-prinċipju tal-kontinwita' tal-evidenza daqskemm fuq l-analiżi mwettqa mill-esperti relattivi u l-validita' tarriżultanzi tagħhom**

Għal dawn il-motivi dan l-aggravju ukoll qed ikun miċħud.

<u>**Id-Disa' Aggravju – Żamma ta' mediċinali perikolużi**</u>

**55**. Illi l-appellant qiegħed jitlob l-isfilz tad-dokumenti konsistenti fi droga u dan flimkien mar-relazzjonijiet kollha relatati magħhom stante li, fil-fehma tiegħu, ma ġewx segwiti d-dettami ta'l-Avviż Legali 121/2002 fejn tali inosservanza tagħti lok għal difett proċedurali serju dwar il-kontinwita' ta' evidenza li, allura, hija wkoll difettuża.

**56.** Illi l-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk din l-eċċezzjoni:

> **128. Mit-test tal-Liġi nnifsu ma jirriżultax li r-Reġistratur ġie b'xi mod meħlus mill-obbligu tiegħu li jikkustodixxi l-oġġetti depożitati fil-Qorti. Il-Liġi prinċipali, ossija l-Kodiċi Kriminali xorta waħda baqa' jżomm dan l-oneru marbut mar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali. U bis-saħħa tal-Avviż Legali 121 tal-2002 ma jirriżulta minn imkien li ġiet stipulata xi konsegwenza legali jekk u meta r-Reġistratur, għal raġunijiet li jaf hu, jagħżel li ma jimxix mat-termini ta' dak l-Avviż Legali. 129. Bis-saħħa tal-Avviż Legali 122 tal-2002 il-Liġi kristallizzat il-ħatra mir-Reġistratur ta' dawk l-Uffiċjali Pubbliċi partikolari (u allura approvati mill-Ministru grazzi għall-pubblikazzjoni tal-ismijiet tagħhom fil-gazzetta in kwantu trattasi ta' Avviż Legali) bħala dawk li għandhom ikollhom il-kustodja fiżika tal-oġġetti jekk u meta r-Reġistratur jagħżel li ma jżommx l-oġġetti hu stess iżda li, għal xi raġuni jew oħra jqis li**

**jkun jeħtieġ li dawn jiġu kustoditi minn xi ħadd minn dawn l-Uffiċjali Pubbliċi grazzji għall-ispeċjalizzazzjoni tagħhom.**

**130. Dan qiegħed jingħad in kwantu l-Liġi Principali, l-artikolu 669(2) tal-Kodiċi Kriminali jagħti s-setgħa lir-Reġistratur bl-approvazzjoni tal-Ministru, li jaħtar lil dawk il-persuni l-oħra biex iżommu dawk l-oġġetti. iżda fl-istess waqt dik il-Liġi ma ħelsitux mill-obbligu prinċipali tal-kustodja tal-istess oġġetti li xorta waħda baqgħet mansjoni u dmir inderogabbli tiegħu. L-oneru tal-kustodja xorta waħda baqa' inkombenti fuq ir-Reġistratur, bid-differenza pero li issa, grazzi għall-ħatra approvata tal-Uffiċjali Pubbliċi nominati, jekk u meta r-Reġistratur jagħżel li għal xi raġuni jew oħra jkun jeħtieġ li oġġetti jiġu kustoditi materjalment f'post ieħor li ma jkunx il-Qorti, huwa issa marbut mhux li jirreferi bilfors, dejjem u f'kull każ l-oġġetti li jkunu ġew preżentati l-Qorti, iżda għandu s-setgħa li meta oġġetti jiġu eżebiti l-Qorti u huwa jqis li jeħtieġ, għal xi raġuni valida li dawk l-oġġetti jiġu miżmuma f'positijiet jew f'kundizzjonijiet partikolari u speċjalistiċi, huwa jkun jista' jirreferi dak l-oġġett lil dik il-persuna nominata fl-Avviż Legali bħala l-persuna maħtura minnu u debitament approvata mill-Ministru biex taqdi dik il-mansjoni f'isem ir-Reġistratur. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li r-Reġistratur irid bilfors, f'kull każ, jgħaddi dawk l-oġġetti lil dawn l-Uffiċjali Pubbliċi nominati."**

**57.** Illi fil-fatt l-artikolu 668(1) tal-Kodiċi Kriminali jistipula s-segwenti:

**"L-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali għandhom jingħataw mill-Qorti lir-reġistratur u għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan it-Titolu, <u>jibqgħu fil-kustodja tar-reġistratur</u> ħlief meta jkun hekk meħtieġ mill-qorti għas-smigħ ta' dawk il-proċeduri."**

**58**. Ikompli jgħid hekk l-artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali:

(1) Ir-reġistratur għandu jiżgura li **<u>l-oġġetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur.</u>**

(2) Għall-għanijiet ta' dan l-artikolu, **<u>ir-reġistratur jista'</u>**, bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta. (Enfasi tal-Qorti)

Bl-Avviż Legali 121 tal-2002 jistipula li bis-saħħa tad-disposizzjonjiet tal-artikolu 669(2) tal-Kodiċi Kriminali, ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, jinnomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm f'ismu l-mediċinali perikolużi.

**59.** Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Bianco għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Western Company Limited vs. Clayton Sciberras*** mogħtija mill-Qorti ta'l-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Marzu 2022 ġie ritenut is-segwenti:

> L-ewwel Qorti għarfet korrettement li **skont il-każistika tal-Qrati tagħna, liġi sussidjarja ma tistax tmur kontra l-liġi prinċipali**, u in sostenn ta' dan hija għamlet riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Pace** kif deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Mejju, 1937, u anki għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ganni Vassallo** deċiża ukoll minn dik il-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 1952. (Enfasi tal-Qorti)

**60**. Illi għalhekk l-Avviż Legali 121 tal-2002 ma jistax jinqara b'mod iżolat, iżda irid jinqara fid-dawl ta' dak dispost fil-liġi prinċipali u ċioe' l-artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali. Illi għalhekk huwa fid-diskrezzjoni tar-Reġistratur tal-Qorti li jagħżel jekk jaħtarx persuni oħra sabiex iżommu l-oġġetti f'ismu, u allura fid-diskrezzjoni tiegħu ukoll jekk dawn ikunux minnu ikkustoditi jew inkella jekk jkunx hemm id-delega li tagħtih il-liġi bis-saħħa tal-Leġislazzjoni Sussidjarja. Illi fil-każ jidher illi d-droga mertu tal-każ baqgħet ikkustodita mir-Reġistratur tal-Qorti u dan wara li kienet saret l-analiżi mill-esperti tal-Qorti fuq dawn l-eżebiti.

**61.** Illi l-appellant jorbot dan l-ilment mal-ilment minnu diġa' ventilat fl-aggravju preċedenti u dan meta isostni illi l-fatt li l-laboratorju fejn ġiet analizzata d-droga mhux wieħed akkredit u li l-espert Dr Godwin Sammut mhux akkreditat skont il-liġi ,jirrendi din il-prova waħda inammissbbli, u għalhekk qed jitlob l-isfilz ta' dawk il-provi kollha li jemerġu mill-analiżijiet li saru fil-laboratorju. Fuq dan il-punt jiġi rilevat li dak li jeċċepixxi l-appellant permezz ta' dawn il-paragrafi m'għandhom x'jaqsmu xejn mas-sub intestatura 'Żamma ta' mediċinali perikolużi'. Illi l-Qorti a skans ta' repetizzjoni tagħmel

referenza għal konsiderazzjonijiet diga' magħmula fuq dan il-punt ta' dritt u kwindi dan l-aggravju ukoll qed jkun miċħud.

**<u>L-Għaxar Aggravju – Irċevuti relatati mal-esebiti ppreżentati fl-atti proċesswali – Nuqqas ta' kontinwita' ta' evidenza</u>**

**62.** Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant qed jitlob l-isfilz ta' provi dokumentarji konsistenti f'diversi eżebiti ppreżentati fl-atti kif indikat fil-Lista tad-Dokumenti annessa mal-Att ta'l-Akkuża u dan għaliex, fil-fehma tal-appellant, hija nieqsa prova li tikkonferma l-kontinwita' tal-evidenza marbuta ma'l-imsemmija dokumenti. Jilmenta fl-ewwel lok, li ma hemmx rċevuta li tikkonferma li Dr. Marisa Cassar għaddiet l-eżebiti minnha eżaminati lir-Reġistratur tal-Qorti, kif ukoll m'hemm l-ebda rċevuta li tindika li PC 813 Clinton Vella rritorna l-eżebiti l-Qorti u għalhekk hemm nuqqas ta' kontinwita' ta' evidenza, anke f'dik li hi kustodja. L-istess ilment iressaq l-appellant fir-rigward ta' DVD ippreżentat minn Dr. Marisa Mifsud fis-seduta tal-10 ta' April 2019 billi fil-fehma tiegħu lanqas hawn ma tirriżulta ebda riċevuta li tindika li r-Reġistratur tal-Qorti rċieva dan id-dokument.

**63.** Il-Qorti Kriminali ddeċidiet hekk dan l-ilment:

> **135. In definittiva, huwa intempestiv f'dan l-istadju li l-Qorti tikkunsidra l-allegata nuqqas tat-traċċjabilita' tal-evidenza kif qiegħed jeċċepixxi l-akkużat u teskludi evidenza f'dan l-istadju meta, bħala fatt, il-kwistjoni dwar tali traċċabilita' għad trid tiġi mistħarrġa meta dawn ix-xiehda jixhdu fil-kors tal-ġuri fejn allura l-evidenza li huma jagħtu kif ukoll l-elementi tal-awtentiċita, traċċabilita u integrita tal-provi tkun sottomessa għall-ġudizzju sovran tal-ġurati.**

**64**. Illi din il-Qorti taderixxi ruħha ma' din il-konsiderazzjoni tal-Qorti Kriminali. Iżżid illi l-prova dwar il-kontinwita' tal-evidenza toħroġ mir-relazzjoni li dawn l-istess esperti ħejjew. Illi fuq kollox kemm Godwin Sammut, kif ukoll, Dr. Marisa Cassar u PC 813 Clinton Vella huma kollha indikati bħala xhieda fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att tal-Akkuza. Għalhekk waqt id-deposizzjoni tagħhom, waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, ser

ikunu f'posizzjoni jixhdu dwar l-inkarigu lilhom mogħti, kif ġew elevati l-oġġetti, minn min ġew elevati, fil-presenza ta' min, min issiġġilla din l-evidenza materjali, min għamel l-eżamijiet forensiċi u finalment lil min ġew mgħodija l-oġġetti wara li l-inkarigu tagħhom kien espletat. B'hekk il-katina tal-evidenza tiġi determinata mill-provi li ser jinġiebu mill-Prosekuzjoni waqt il-ġuri u mħollija għad-deċizjoni tal-ġurati dwar il-validita' tal-evidenza hekk miġjuba u dan wara li l-istess jiġu indirizzati mill-Imhallef togat u mogħtija d-direzzjoni opportuna. Għalhekk ikun prematur li f'dan l-istadju li fih jinsabu l-proċeduri l-evidenza tiġi sfilzata meta, kif tajjeb ikkonkludiet il-Qorti Kriminali, l-kwistjoni dwar it-traċċabbilita' tal-evidenza għad trid tiġi mistħarrġa u determinata mill-ġurati. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll qed jiġi miċħud.

**<u>Il-Ħdax-il Aggravju – Provi relatati mar-rapport u l-esebiti ta' Stephen Farrugia Sacco</u>**

**65.** Illi l-appellant permezz ta' dan l-aggravju qed jitlob l-isfilz tax-xhieda ta' Dr Stephen Farrugia Sacco kif ukoll tar-rapport redatt minnu u dan fuq il-premessa illi l-eżebiti li fuqhom wettaq l-analiżi tiegħu l-espert jidher li ġew mgħoddija lilu minn PC 773 Ryan Tonna, liema uffiċċjal ma ġiex prodott bħala xhud u għalhekk, minħabba f'dan in-nuqqas, fil-fehma tal-appellant, nkisret il-katina tal-evidenza bir-riżultanti prova tispiċċa kkontaminata.

**66**. Illi Dr Stephen Farrugia Sacco fit-termini tad-digriet tan-nomina tiegħu (a fol. 69 tal-atti proċesswali) datat 31 ta' Jannar 2019 ġie maħtur bħala espert tekniku, bl-imsemmi espert jindika hekk fir-rapport tiegħu (fol. 371 tal-atti kumpilatorji):

> ***"Illi kif jirriżulta mir-riċevuta hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B nhar is-6 ta' Frar, 2018 l-esponent gabar is-segwenti ċellulari mingħand PC 773 Ryan Tonna."***

Kwindi minn dak dikjarat f'dan ir-rapport huwa evidenti illi kien Dr Stephen Farrugia Sacco stess li ġabar iċ-ċellulari mingħand PC 773 Ryan Tonna u dan hekk kif anke jirriżulta mill-irċevuta li tinsab eżebita a fol. 376 tal-kumpilazzjoni

**67.** Illi matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri l-espert Dr Stephen Farrugia Sacco, li huwa wieħed mix-xhieda indikati mill-Avukat Ġenerali fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att tal-Akkuża, se jkun prodott bħala xhud fejn jistgħu jsirulu domandi dwar mingħand min ġabar iċ-ċellulari li fuqhom għamel l-analiżi u dwar il-kontinwinita' tal-evidenza. Jerġa jiġi ribadit illi huma l-ġurati li finalment se jiddeċiedu fuq il-prinċipju tal-kontinwinita' tal-evidenza, dwar ir-riżultanzi tal-analiżi magħmula mill-espert u dwar il-valur probatorju tal-istess analiżi. Illi għal darb'oħra l-appellant qiegħed ifixkel il-kwistjoni dwar l-inammissibbilita' tal-evidenza ma' dik li titratta s-saħħa probatorja tagħha, kwistjoni din ta'l-aħħar li ma hijiex fis-setgħa ta' din il-Qorti, u lanqas tal-Qorti Kriminali qabilha, tiddeċiedi f'dan l-istadju tal-proċeduri. Dan l-aggravju wkoll qed ikun miċħud.

**<u>It-Tnax-il Aggravju – Iċ-*chain of custody*</u>**

**68.** Illi f'dan l-aggravju l-appellant donnu jiġbor l-ilmenti preċedenti minnu sollevati marbuta mal-kontinwita' tal-evidenza jew dak li jidhirlu jikkostitwixxi nuqqas ta' prova dwar 'l hekk imsejħa '*chain of custody*' tal-evidenza. Iqies illi dik l-evidenza, (li ma jindikax liema hi f'dan l-aggravju), fejn hemm nuqqas ta' dokumentazzjoni dwar it-traċċabbilita' u l-kustodja tagħha għandha tkun rimossa mill-atti. Għal darb'oħra l-aggravju huwa imqanqal b'mod vag u fl-astratt mingħajr ma ssir l-iċken indikazzjoni għal xi nuqqas li l-appellant qiegħed jirriavviża f'xi evidenza li tinsab kkumpilata.

**69**. Dan magħdud, madanakollu l-Qorti ittenni għal darb'oħra illi din il-kwistjoni trid tiġi determinata waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux f'dan l-istadju, b'dan l-ilment għalhekk jerġa' jkun miċħud għar-raġunijiet diġa' miġjuba fl-aggravji preċedenti.

**<u>It-Tlettax-il Aggravju – Ritratti esebiti</u>**

**70.** Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant qed jitlob l-isfilz tad-dokument konsistenti minn tliet ritratti li huwa mmarkat bħala Dok. JG8 esebit mill-Ispettur Justine

Grech u dan peress li l-awtur tagħhom qatt ma inġieb biex jikkonferma l-awtenticita' ta'l-istess.

**71.** Illi jiġi rilevat li l-Ispettur Justine Grech hija indikata bħala xhud fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att tal-Akkuża u eventwalment se tixhed waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri fejn tista' tiġi mistoqsija dwar min kienet il-persuna li ġibdet l-imsemmja ritratti. Huma l-ġurati li finalment ser jiddeċiedu fuq il-valur probatorju ta' dan id-dokument u għalhekk f'dan l-istadju tal-proċeduri jkun intempestiv li dan ikun sfilzat. Fl-eventwalita' li waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma jirriżultax min kien l-awtur tad-Dokument JG8, l-Imħallef togat jindirizza lill-ġurati dwar il-valur probatorju li għandu dan id-dokument f'dan ix-xenraju probatorju. Għal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**<u>L-Erbatax-il Aggravju – L-allegat sewqan ta' vettura b'manjiera perikoluża, traskurata u bla kont</u>**

**72**. Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax kif l-appellant, f'dawk li huwa isejjaħ 'aggravji,' sempliċement jirriproduċi, fil-maġġior parti tagħhom, *verbatim,* l-eċċezzjonijiet tiegħu, mingħajr ma jindika x'inhu il-motiv li abbażi tiegħu huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali. Illi dan ma huwiex il-mod kif jkun redatt ir-rikors tal-appell, għaliex dak li huwa mistenni mill-appellant li jagħmel talba quddiem qorti ta' reviżjoni huwa illi jindika ir-raġuni 'il għala qed tintalab dik ir-reviżjoni u fejn allura ma huwiex qed jaqbel mas-sentenza appellata, ħaġa li l-appellant odjern jonqos ripetutament milli jagħmel. Mhuwiex mistenni minn din il-Qorti allura li tfittex ir-raġuni Hi, li waslet lill-appellant jitlob reviżjoni ta' sentenza tal-prim'istanza, u dan meta ma jindikax dak li jidhirlu li huwa nuqqas fl-imsemmija sentenza.

**73.** F'dan l-aggravju l-appellant jerġa' jitlob li tkun 'skartata' l-akkuża kontenuta fir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża in kwantu n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura misjuqa mill-appellant fis-sub intestatura ta' dan il-Kap ġie indikat bħala DRN 92 u fil-parti narrattiva u akkużatorja tal-istess Kap ġie indikat bħala DRN 792. Fl-istess aggravju jitlob li tkun skartata x-xiehda ta' PC 1086 Johann Micallef, PC 1564 Kyle Zammit, PC 1494

Andre Grech, PC 760 Chris Saliba, PS 579 Anthony Micallef, u PC 101 Ruznai Gaffarena u tordna l-isfilz tagħha għaliex tmur kontra dak iddokumentat u eżebit mix-xhieda rappreżentanti tal-LESA u G4S.

**74.** Illi fir-rigward ta' l-ewwel parti tal-aggravju tal-appellant jiġi rilevat illi s-setgħa tal-Qorti f'dan l-istadju tal-proċeduri hija dik li tiddikjara n-nullita ta' xi Kap jekk tavvera ruħha xi nuqqas ta' adeżjoni mill-Avukat Ġenerali tar-rekwiżiti stabbilit fl-artikolu 589, jew inkella mal-artikolu 597(4) u/jew 449(5) tal-Kodiċi Kriminali. Issa l-intestatura tal-Kap ta'l-Akkuża ma jifforma ebda parti mill-imsemmi Kap billi hija l-parti akkużatorja li fiha hemm kontenuta l-akkuża addebitata lil persuna akkużata mill-Avukat Ġenerali, u kwindi hija din il-parti li tirrifletti r-reat li dwaru huwa jinsab mixli, liema akkuża hija marbuta mal-fatti dikjarati fil-parti narrattiva u li minnhom, f'dan il-każ, tnissel ir-reat tas-sewqan bla kont u perikoluż. Illi l-iżball evidenti li jidher li sar fl-intestatura tar-Raba' Kap bla ebda tiġbid tal-imaġinazzjoni ma jista' jwassal għan-nullita ta' dan il-Kap, kif propsettat mid-difiża, b'din l-intestatura ma tifforma ebda parti, kif ingħad, la mill-akkuża u lanqas mill-evidenza li ser tinġieb fil-kors tal-ġuri.

**75.** Inoltre l-artikolu 599(1) jaghti s-setgħa lill-Qorti li, f'kull waqt tal-kawża, sakemm il-ġuri ma jagħtix il-verdett tiegħu, tordna li jiġi koreġut kull żball li, mill-provi li jinġiebu fil-kawża, jinsab li sar fl-att ta' l-akkuża dwar iċ-ċirkostanzi ta' żmien, post u persuna, meta, fejn u kontra min sar ir-reat, jew dwar l-indikazzjoni jew id-deskrizzjoni tal-ħwejjeġ li fuqhom sar ir-reat, b'dan madanakollu illi m'għandu jittieħed ebda qies ta' ebda ħaġa li, minnhabba dik il-korrezzjoni, tagħmel iżjed gravi r-reat, kemm il-darba dan l-aggravament ma jkunx miġjub espressament fl-att ta' l-akkuża. Dan ifisser illi l-Qorti Kriminali tista' f'kull waqt tordna li ssir korrezzjoni f'dak li jidher *ictu oculi* li huwa żball *computetri*, billi tali korrezzjoni ċertament ma hijiex ser tirrendi ir-reat addebitat lill-appellant iżjed gravi.

**76.** Illi fir-rigward tal-ilment imressaq mill-appellant dwar dak li jidhirlu jikkostitwixxi xi kunflitt fil-provi bejn dak dikjarat minn diversi uffiċjali tal-pulizija u rappreżentanti tal-LESA u tal-G4S, l-Qorti tirrimarka illi għall-appellant u/jew id-

difensur tiegħu, għandu jkun evidenti illi f'dan l-istadju tal-proċeduri il-Qorti ma għandiex is-setgħa tagħmel ebda apprezzament ta' evidenza, li fuq kollox, għad trid tinġieb fil-qorti, billi dik l-evidenza kkumpilata ma tinġiebx a konjizzjoni tal-ġurati ħlief għal fini ta' kontroll jekk tinsorġi l-ħtieġa jew f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn xhud ikun miet jew inkella siefer jew ma jistax jinstab. Illi hija il-mansjoni tal-ġurija illi tiżen u tagħrbel il-provi u kwindi dan l-aggravju huwa għal kollox vessatorju u t-talba bla bażi legali ġaldarba il-Qorti ma tista' tordna ebda sfilz ta' evidenza li kif ingħad, għad trid tinstema', unikament għax l-appellant jidhirlu li hemm kunflitt fl-istess. Illi l-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari mhuwiex intiż sabiex issir din l-analiżi dwar il-kredibbilita' tax-xiehda jew il-verosimljanza tal-evidenza u s-sottomissjonijiet dwar il-mertu tal-każ jistgħu jsiru mill-appellant biss matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux qabel. Kwindi dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**<u>Il-Ħmistax-il Aggravju – L-arrest ta' Darren Mizzi</u>**

**77.** Illi permezz ta' dan l-aggravju l-appellant qed jitlob li jiġu skartati x-xhieda ta' dawk l-Pulizija li eżegwew l-arrest tiegħu u konsegwentement jiġi sfilzat kull dokument u eżebit konness ma' din ix-xiehda. Dan għaliex iqies illi l-mod kif kien eżegwit dan l-arrest kien wieħed li jmur kontra d-drittijiet fondamentali tiegħu meta, fil-fehma tiegħu, intużat forza eċċessiva, tant illi huwa sofra minn trattament inuman u degradanti kif jemerġi mir-rapport tal-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri. Iqies allura illi x-xiehda ta' dawn l-uffiċjali tal-pulizija li nnegaw li intużat din il-forza fejn, fil-fehma tiegħu, kien hemm ukoll inkonsistenza bejniethom, speċjalment bejn dak li xehed PC 1494 Andre Grech u dak li xehed PS 1086 Johann Micallef, iwassal għall-inammissibilita' ta' din l-evidenza. Huwa wkoll jattakka bħala kontradittorja x-xhieda ta' PC 101 Ruznai Gaffarena in kwantu fejn xehed dwar jekk intużatx forza kontra l-appellant waqt l-arrest tiegħu.

**78.** Illi l-Qorti Kriminali qalet hekk dwar dan l-ilment:

> **140. Kif intqal fil-bidu ta' din is-sentenza, din il-Qorti ma tidħolx fuq kwistjonijiet ta' allegati ksur tad-drittijiet fondamentali. Għal dan hemm Qrati**

**oħra. Il-kwistjoni dwar jekk l-akkużat kienx aggredit mill-Pulizija o meno jew kienx suġġett għal trattament abbużiv jista' jkun meritu ta' proċeduri separati minn dawn quddiem l-Awtoritajiet kompetenti biex min naqas, jekk naqas, jagħmel il-kont mal-Ġustizja.**

**141. Kif intqal ukoll din il-Qorti ma tistax tinterpreta hi l-fatti ta' dan il-każ. Dak huwa mħolli f'idejn il-ġurati. Jekk il-ġurati jemnux lil Pulizija f'dak li qalu jew jemnux il-verżjoni tal-akkużat – jekk ikun hemm waħda mogħtija lil ġurati apparti l-istqarrija rilaxxjata minnu – hija kwistjoni li jridu jiddeċiedu dwarha l-ġurati u ma tistax tkun din il-Qorti li tiddeċiedi minflokhom.**

**142. Għalkemm quddiem din il-Qorti l-akkużat f'dan l-istadju jikkontesta l-arrest tiegħu bħala wieħed li jmur kontra ddispożizzjonijiet tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fis-seduta tat-2 ta' Frar 2019, huwa ma kkontestax il-validita' tal-arrest u ma jidhirx li qatt ġie ntavolat rikors ai termini tal-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma jidher li saru xi talbiet f'dan is-sens fl-istadju kumpilatorju tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja meta fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Lulju 2019 xehed l-espert mediko legali Dr. Mario Scerri.**

**143. Ma hemm xejn li jeskludi l-ammissibilita' tax-xiehda tal-Pulizija jew tat-tobba. Issa jispetta lill-ġurati biex jixtarru u jiddeliberaw dwar il-valur probatorju ta' dik l-istess xhieda. Ċertament, din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, li tidħol fuq kwistjonijiet ta' kunflitt ta' provi u kif ingħad, issa jkun imiss lill-ġurati li jiddeċiedu dwar il-fatti li qiegħed jikkontesta l-akkużat.**

**79.** Illi għal darb'oħra l-appellant ma jindikax f'dan l-aggravju fejn jidhirlu illi dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Kriminali, li fil-fehma ta' din il-Qorti huma ineċċepibbli, b'xi mod jippekkaw. Iżda għal darb'oħra jerġa jirriproduċi *verbatim* l-eċċezzjoni tiegħu u jibqa' jitlob l-isfilz ta' evidenza li għadha trid tingħata. Kwindi ġaladarba l-appellant ma iressaq ebda mottiv validu li jista' iwassal lil din il-Qorti tiddipartixxi mill-fehma tal-Qorti Kriminali, li din il-Qorti taderixxi ruħha magħha, dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**<u>Is-Sittax-il Aggravju – Nuqqas ta' obbidjenza għall-ordnijiet leġittimi mill-uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħlilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom</u>**

**80.** L-appellant iqanqal in-nullita' tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża għaliex jisħaq illi huwa ma seta' qatt jinduna illi l-persuni li kienu qed isegwuh kien uffiċjali pubbliċi, u għalhekk ma seta' qatt ikun mixli li naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi ta' dawn in-nies.

**81.** Illi f'dan l-aggravju, għal darb'oħra, l-appellant jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' provi. Dan l-eżerċizzju huwa mħolli mil-liġi f'idejn il-ġurati fejn huma jridu jiddeterminaw jekk dak li qed jiġi allegat mill-appellant huwiex minnu jew le.

**82.** Fuq kollox, iżda, kif diġa' ġie rilevat minn din il-Qorti eċċezzjoni dwar in-nullita' ta' l-att ta'l-akkuża tista titressaq 'il quddiem f'dawk iċ-ċirkostanzi ravviżati mil-liġi u ċioe' meta l-att ta'l-akkuża ma jkunx fiha dawk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali, jekk ikun hemm id-difetti fl-atti kumpilatorji elenkati fl-artikolu 597(4), jew inkella meta r-reat fl-att ta' akkuża ma jkunx miġjub jew deskritt, fis-sustanza, bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi u/jew meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att, b'din l-aħħar nullita' tista' titqanqal anke wara li jkun ngħata il-verdett. Illi l-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma hija ravviżata f'dan l-ilment tal-appellant u kwindi ma tista' qatt tkun riskontrata xi nullita fl-Att ta'l-Akkuża fuq apprezzament ta' provi li jrid neċessarjament isir waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tirrimanda l-atti quddiem il-Qorti Kriminali sabiex il-każ ikompla jinstema' skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**